Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell numru: 298/2017

Il-Pulizija

(Spettur Carmelo Magri

Spettur Christopher Pullicino)

Vs

Ahmed El Fadali Enan

Illum 28 ta' Frar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Ahmed El Fadali Enan, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru: 18749A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-12 ta' Frar, 2006 ghall-habta tat-3.30 ta' wara nofsinhar u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, rrenda ruhu bhala komplici f'delitt u cioè fil-harba tal-prigunier bl-isem Belgacem Merabet mill-Facilità Korrettiva ta' Kordin liema harba saret bi ksur tal-post imsemmi u dan billi b'xi mod li jkun, xjentement, ghin jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwex lill-imsemmi Belgacem Merabet inkella sahhahlu l-volontà tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdu li wara l-fatt jassistih jew jieqaf mieghu.

Talli fl-istess dati u cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer, asssocja ruhu ma' persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Talli fit-12 ta' Frar, 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data fil-Fgura u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-istess data u cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer meta gie fil-pussess ta' munizzjon xort'ohra milli mill-licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dak il-munizzjon ghandux jinzamm taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tat l-avviz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Gunju, 2017 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 152 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat illi dan il-kaz ilu li sehh sa mit-12 ta' Frar 2006, u ma jidhirx li l-imputat kellu xi kaz/ijiet ohra fejn xellef difru mal-gustizzja, l-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja fil-kaz odjern, u ghalhekk tikkundanna lill-imputat sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta'l-imputat pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Lulju, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u konsegwentement thassar, tikkancella u tirrevoka s-sentenza u tirrimetti lura l-atti lil Qorti tal-Magistrati jew tiddeciedi l-kaz, jew alternattivament tvarja u timmodifika s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismjiet (Spettur Arthur Mercieca) vs Ahmed El Fadali Enan tal-21 ta' Gunju, 2017 fis-sens illi tikkonfermaha in kwandu din sabithu hati tat-tielet u r-raba' akkuza, filwaqt li thassarha u tirrevokaha inkwantu din sabithu hati tal-ewwel u tat-tieni akkuza u tehilsu u tilliberah minnhom u tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata in kwantu l-piena inflitta ta' sentenza sospiza tigi mibdula f'dik ta' multa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant illi huma s-segwenti:

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda precizament is-sentenza appellata fis-sens illi s-sentenza appellata effettivament inghatat fil-21 ta' Gunju, 2017 izda il-kopja tas-sentenza li tqassmet lid-difiza wara li nqart l-istess sentenza u li anke kienet tinstab fil-process wara li nghatat l-istess sentenza iggib id-data tas-17 ta' Mejju, 2017. Illi ghaldaqstant a bazi ta' dna l-izball is-sentenza hija nulla.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-tieni aggravju, u dan f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti ma tannullax is-sentenza appellata kif inghad fl-ewwel aggravju, jirrigarda l-apprezzamenta tal-provi fir-rigward tal-Ewwel u t-Tieni akkuza.

   Jidher car mis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti starhet kompletament fuq il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u kien a bazi ta' dawk il-provi li hija wasslet sabiex issib lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu. Huwa evidenti li l-Ewwel Qorti injorat totalment il-provi tad-difiza li essenzjalment kienu jikkonsistu fix-xhieda tal-appellant innifsu. L-ewwel Qorti totalment skartat ix-xhieda tal-appellant, anzi lanqas biss ghamlet referenza ghaliha. Min-naha l-ohra l-Ewwel Qorti kinet tal-fehma li x-xhieda tal-prosekuzzjoni kienu *'koerenti u jwasslu biss ghal sejbien ta' hija fl-imputat'*. Bir-rispett kollu din hija sweeping statement u pjuttost generika. Dan qed jigi umilment sottomess fid-sawal tax-xhieda ta' Belgasem Merabet li jista' jinghad il-mertu tal-kaz jirrivolvi madwaru. Dan ix-xhud ta' tlett verzjonijiet tal-fatti. L-ewwel stqarr mod meta gie arrestat mill-pulizija wara li nstab meta harab mill-habs. Hawnhekk huwa indika l-imputat bhala l-persuna li marret ghalih wara l-harba. Sussegwentament xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta' April, 2006, fejn qal li kien ha zball meta indika li l-imputat kien il-persuna li kien mar ghalih. Merabet qal li kienet persuna ohra u mhux l-imputat. Izda Merabet ma jieqafx hemm u jerga jixhed ghaldarba ohra

quddiem il-Qorti tal-magistrati fis-16 ta' Novembru, 2007 fejn jghid li meta kien xehed l-ewwel darba kien gideb meta kien qal li ma kienx l-imputat li kein mar ghalih ghax fil-verita' kien hu li mar ghalih f'karozza ta' kulur maroon. A bazi tal-fatt li dan ix-xhud ta' dawn it-tlett verzjonijiet kontrastanti jigi sottomess li l-Qorti kellha tizen il-kredibilita' o meno ta' dan ix-xhud u tqis jekk kelliex toqghod fuq dan ix-xhud jew le. Huwa evidenti li, b'kull rispett lejha, l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel dan l-apprezzament. Ghalhekk zgur li l-Qorti kienet totalment skorretta meta fis-sentenza taghhaqalet li x-xhieda tal-proskeuzzjoni kienu korretti ghax certament dan ix-xhud ma kienx!

Apparti dan ix-xhud, ix-xhieda tal-prosekuzzjoni kienu jikkonsistu biss f'ufficjali tal-habs u/jew ufficjali tal-pulizija li b'xi mod kienu involuti fil-kaz u l-lista ta' telefonati li saru mill-habs u CD b'recordings tal-istess telefonait. Ta' min wiehed jinnota li x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni kollha xehdu dwar il-harba ta' Belgasem Merabet u mhux dwar xi fatt li seta' iwassal ghas-sejbien ta' htija tal-appellant. Anke ix-xhud okulari Lorraine Cassar li xehdet quddiem l-Ewwel Qorti diversament preseduta ma xehditx fuq xi fatt li seta' iwassal ghal sejbien ta' htija tal-appellant izda xehdet dwar il-harba ta' Belgasem Merabet ghaliex fil-fatt kienet ratu u anke qabez fuq il-vettur taghha!

Ghalhekk fil-verita' mill-provi kollha prodotti mill-prosekuzzjoni l-unici provi li kienu ta' relevanza ghall-kaz odjern huma x-xhieda ta' Belgasem Merabet, li kif gie sottomess aktar il-fuq m'hi xejn kredibbli u mhux ta' min joqghod fuha, u l-lista ta' telefonati li saru mill-habs u CD b'recordings tal-istess telefonati. Din is-CD wahdha mhix l-aqwa prova li setghet iggib il-prosekuzzjoni u mhix bizzejjed sabiex il-Qorti tkun moralment konvinta li l-appellant kien hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. L-appellant ma nnegax li kien tkellem ma' Belgasem Merabet fuq it-telefon kif allegat izda dejjem baqa' jinnega li kien fil-fatt mar ghalih!

In oltre ghalkemm wiehed jiehu l-impressjoni li l-prosekuzzjoni telghet xi bizibilju provi fil-verita' dan mhux minnu ghax meta tasgharhom tinduna li

fil-verta' ftit li xejn hemm li huwa relevanti. Issa, ghalkemm kif gie ritenut fis-sentenza datata 16 ta' Marzu, 2001 fl-Ismijiet il-Pulizija vs Antoine Cutajar deciza mill-Qorti tal-Appell ippreseduta mill-Onor. Imhallef Patrick Vella li 'xhud wiehed, jekk emmnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija', il-Qorti ghandha b'xi mod turi li qedgha tistrieh fuq dak ix-xhud u mhux kategorikament tqieghed kollox f'keffa wahda anke dak li huwa irrelevanti sabiex tkun moralment konvinta li l-akkuzat huwa hati. Biss biss il-Qorti kellha tikkunsidra ukoll il-verzjoni li ta' l-akkuzat, f'dan il-kaz l-appellant odjern, u tezamina jekk din il-verzjoni hix verosimili o meno.

Interessanti jigi notat li minghajr pregudizzju ghal dak sottomess aktar il-fuq dwar ix-xhieda tax-xhud Belgasem Merabet, meta huwa xehed it-teini darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati huwa xehed li l-imputat kien mar ghalih f'karozza ta' kulur maroon. L-ebda xhud ma xehed dwar il-kulur tal-vettura ta' l-appellant, fatt li seta' jghin il-prosekuzzjoni biex issahhah il-kaz taghha!

Illi a bazi ta' dan kollu sottomess jidher li l-provi kienu daghjfa hafna u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setax bla ebda dubbju dettat mir-raguni tasal sabiex issib htija fuq l-ewwel zewg akkuzi. Ghalhekk kellu jigi lliberat minnhom.

In succint, b'kull rispett lejn l-Ewwel Qorti qed jigi umilment sottomess illi jidher b' mod car illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni akkuza kif gie trattat fid-dettal f'dan l-appell.

Illi dwar it-tielet u r-raba' akkuzi l-appellant jirrimetti ruhu.

3. Illi t-tielet aggravju bla pregudizzju ghaz-zewg aggravji l-ohra, jirrigwarda l-piena nflitta fis-sens illi f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti ma tannullax is-sentenza appellata izda tilqa' t-tieni aggravju u tillibera l-appellant mill-ewwel u it-tieni akkuza izda mhux mit-tielet u r-raba', il-piena inflitta mill-ewwel Qorti tigi wahda ezagerata u ghandha tkun modifikata ghall-piena ta' multa.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2017 fejn l-Qorti halliet l-appell ghad-decizjoni fuq l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti dwar in-nullita tas-sentenza appellata.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal din l-pregudizzjali sollevata mill-appellanti fejn jishaq illi s-sentenza li tinsab fl-atti a fol.425 sa 428 tal-process mhijiex l-istess sentenza li nqrat mill-Ewwel Qorti fil-Qorti fil-miftuh fil-21 ta' Gunju 2017 billi s-sentenza li inghatat dak in-nhar mill-gudikant kienet iggib data differenti.

Issa mill-atti tal-kawza u senjatament mill-verbali tas-seduti quddiem l-Ewwel Qorti jidher illi l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza ghas-17 ta' Mejju 2017, f'liema data, madanakollu l-Ewwel Qorti billi kien jenhtiegilha aktar zmien biex tirredigi s-sentenza, iddiferiet il-kawza ghal 21 ta' Gunju 2017. Fid-data tal-21 ta' Gunju 2017, l-Ewwel Qorti ghaddiet ghall-ghoti tal-gudizzju fil-konfront ta'l-appellanti u l-partijiet gew mghoddija kopja informali tad-decizjoni liema kopja giet esebieta mill-appellanti quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2017. Illi din is-sentenza iggib id-data tas-17 ta' Mejju 2017 u hija xi ftit differenti ukoll fil-korp taghha minn dik li tinsab fl-atti billi fiha hemm xi motivazzjonijiet li jidhru fis-sentenza li hemm fl-atti li huma neqsin. Id-decide madanakollu huwa identiku. Illi l-abbli difensur ta'l-appellanti tikkontendi illi ftit jiem qabel ma gie intavolat l-appell hija marret personalment biex tivverifika l-atti tal-kawza u meta ezaminathom rat illi fil-process kien hemm inserita s-sentenza bid-data hazina tas-17 ta' Mejju 2017 u cioe' l-istess bhal kopja informali li giet mghoddija lilha. Meta gibbdet l-attenzjoni ghal dan l-izball lid-Deputat Registratur adett mal-awla, jidher illi dan irranga id-data tas-sentenza u issostitwixxa is-sentenza issa bid-data it-tajba ma' dik li kienet tinsab originarjament fil-process u li kienet giet moqrija fil-qorti dak in-nhar li inghatat s-sentenza biex b'hekk fil-process issa tinsab is-sentenza bid-data korretta.

Illi l-Qorti semghet ix-xhieda tad-Deputat Registratur adett mal-awla, fejn huwa jikkonferma dak li stqarret id-difensur ta'l-appellanti illi fil-process kien hemm sentenza informali bid-data il-hazina tas-17 ta' Mejju 2017 u kif gibbdittlu l-

attenzjoni l-avukat Mangion, huwa irranga d-data, giet iffirmata mill-gdid mill-gudikant u minnu u giet sostitwita biex b'hekk allura is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti li tinsab fil-process mhijiex l-istess wahda li inghatat fil-qorti bil-miftuh mill-gudikant. Id-Deputat Registratur jibqa' jinsisti illi s-sentenza li inghatat fil-21 ta' Gunju 2017 kienet ghadha wahda informali, imbaghad dik formali giet inserita aktar tard.

Illi fil-verita din il-Qorti temmen illi li kieku id-difensur ta'l-appellanti ma gibbditx l-attenzjoni tad-Deputat Registratur ghal dan l-izball li kien hemm fid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti, s-sentenza qatt ma kienet tigi sostitwita b'dik 'it-tajba'. Illi l-Qorti ezaminat iz-zewg sentenzi u irrizultalha illi mhux biss id-dati huma differenti billi dik li giet moghtija fil-jum tal-21 ta' Gunju 2017 kienet iggib id-data tas-17 ta' Mejju 2017, izda ukoll anke il-korp taghha hemm partijiet li gew mizjuda. Illi il-Qorti *di piu'* qed tirriavviza in-nullita tas-sentenza impunjata mhux biss f'dan ir-rigward izda fuq kollox ghaliex l-Ewwel Qorti ghalkemm ghaddiet biex sabet htija ghall-akkuzi kollha dedotti kontra l-appellanti, madanakollu naqqset milli tindika id-disposizzjonijiet kollha tal-ligi li tahthom hija kienet qed issib tali htija. Fil-fatt hemm indikat biss l-artikolu 152 tal-Kodici Kriminali bil-kliem warajh "et sequitur" meta n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali datat 12 ta' Gunju 2006 li jinsab a fol. 159 tal-process, oltre din id-disposizzjoni tal-ligi tindika ukoll li ghandu jinstab htija ghar-reati mahsuba fl-artikoli 3(1A) u 9 ta'l-Ordinanza dwar l-Armi u l-artikoli 42 u 48A tal-Kodici Kriminali li ghalihom ma issir l-ebda referenza mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

Illi l-artikolu 382 tal-Kap. 9 jiddispondi illi, "Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena **<u>u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>**." Issa ghalkemm l-artikoli tal-ligi fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni gie iccitat mill-Ewwel Qorti, madanakollu dawk li fuqhom huma imsejsa t-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet fit-termini indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma jigux indikati hlief bil-kliem "et sequitur".

Premess dan allura, huwa bil-wisq evidenti illi l-Qorti ma hijiex f'posizzjoni, bhala Qorti ta' revizjoni, tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li hija

imsejsa fuq diversi difetti ta' natura procedurali. Dawn l-izbalji jammontaw ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Muscat"** [10.6.94] , **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "** [26.5.94]; **"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"** [23.6.1995] u ohrajn.)

Ghalhekk din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti, tghaddi ghalhekk biex tannulla s-sentenza appellata w, wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali tordna illi l-kaz jigi trattat mill-gdid fil-mertu w l-aggravji tal-appellanti jigu ikkunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur